San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 23 tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad saret nhar il-Gimgha 26 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi**

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Simone Aquilina | Chairperson |
| Mario Saleno | Sindku |
| Carmel Hili | Membru |
| Joseph Hili | Membru |
| Peter | Membru |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**

**Assenti:- Xejn**

Aġenda:-

1. Qari u approvazzjoni tal- Minuti
2. Punti li johorgu mill- minuti.
3. Materji finanzjarji
4. Korrispondenza u komunikazzjoni
5. Attivitajiet tal - Milied
6. "Welcome Locality Signs"
7. Xoghol pendenti
8. Aggornamenti

Gheluq tal - Laqgha

***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

1 Ic-Cermen tal-Kumitat Amministrattiv Simone Aquilina bdiet il-laqgha b' talba u qalet li peress ma' kienx hemm minuti tal-laqgha precedent ghax kienet giet ikkancellata min-naha tad-dipartiment talbet biex jekk hemm xi mistoqsijiet jew korrezzjonijiet fuq il-minuti tal-laqgha li kienet saret qabel dik li giet ikkancellata.

Approvazzjoni tal-minuti

Saret diskussjoni qasira minhabba li billi nbidel ic-cerperson kif ukoll is-segretarju
2 ezekuttiv u l-minuti tas-seduta tal-kumitat amministrattiv numru ---- ma' kinux iffimati, gie deciz b'mod unanimu li jinbidlu l-ismijiet u jigu ffirmati f' isem l-eks segretarju u f' isem l-eks cermen, mis-segretarju l-gdid u c-cermen il-gdida Simone Aquilina.

*Puntil li johorgu mill-minuti.*

Ic-Cermen Simone Aquilina qalet li s-segretarju kellu jikteb lis-Sur Godfrey Bezzina mill-MCA, biex jinvestiga l-kaz fuq l-mobile antennas Simone qalet li kellu jigi mistoqsi jekk hemmx xi studju ta' kemm hawn incidenza ta' kancer fil-lokalita tal- Wardija u Burmarrad. Ghaldaqstant ghandu jintalab xi rapport li jindika l-livelli ta' radjazzjoni li tigi trasmessa minn dawn il-mobile antennas.

Rigward studji fuq dawn l-antenni kienu saru ricerki simili mill-Kunsill ta' Hal Lija u tal-Mellieha u ghaldaqstant gie deciz li nkellmu lill dawn l-imsemmija Kunsilli biex jibghatulna kopja ta' dawn l-istudji peress li fil-lokalita tagghom hemm Mobile Antenna's simili li jinsabu fil-Wardija.

Is-Segretarju precedenti kellu wkoll jikteb Ittra lill-Onorevoli Edwin Vassallo halli jghidlu li l-Kumitat Amministrattiv tal-Wardija u Burmarrad ghandu jigi mistieden fil-laqghat tal-Kumitat tal-Affarijiet Socjali li huwa jippresedi. .

Grawnd ta' Burmarrad. Is-Sur Joe Hili qal li kien hemm qbil bejn il-kumitat ta' Burmarrad *Football Club* u l-Kumitat Amministrattiv bejn Ray Bartoalo u s-Sur Peter Abela. Huma qablu li jithallsu l-kontijiet pendenti tad-dawl tal-*playing field* u l-Kumitat ikollu dritt li juza l-kamara li hemm diment li mal-arlogg tad-dawl ikun imqabbad id-dawl tal-*ground.* Fuq dan il-ftehim intalab kopja tal-kuntratt u ghaldaqstant ic-Cermen Simone ghanda tkellem lill Raymond halli jkollha kopja. Sar suggeriment ukoll biex nibghatu ghas-Sur Paul Gauci halli fil-laqgha li jmiss jigu diskussi dawn il-punti.

***<u>Xogholijiet u punti li johorgu mill-minuti.</u>***

Ic-Cermen qalet li l-Kappillan ghandu ammont sustanzjali ta' tappieri tal -arbli tal-festa biex jehlu fl-art. Il-Kappillan ghandu javza lill tal-kumitat tal-festa biex jibghat lill xi hadd halli jindika lill haddiema l-post ezatt ta' fejn jehlu l-arbli tal-festa.

Ic-Cermen Simone Aquilina kompliet tghid li kellha ssir applikazzjoni ghall-skema tall-MTA biex napplikaw ghall–fondi fuq l-Festi. Is-Sindku Mario Salerno kompla jghid li tajjeb kieku dawn il-festi jkunu *self sustainable* billi nahdmu mal-komunita u l-azjendi halli jisponsorjaw dawn il-festi ghax wara kollox ikunu qed jirriklamaw il-prodotti tagghom stess.

Is-Sur Joe Hili kompla ma' Simone billi qabel li ghandhom isiru aktar diskussjonijiet fuq l-organizzazjoni ta' din il-festa u anke jekk hemm bzonn sahansitra nbiddlu l-isem tagghha. Simone qablet mieghu u qalet li ghandu jsir hafna hsieb halli din il-festa nergghu nqajmu l-ispirtu taghha biex b'hekk l-bdiewa aktar jippartecipaw u jikkontribwixxu halli tkun success.

Is-Sur Joe Hili qal li huwa ghamel hafna hin u xoghol biex jorganizza din l-attivita u ghaldaqstant ghandu jkun hemm hidma shiha u kollettiva minn kulhadd halli din tirnexxi b' success. Huwa kompla jghid li kulhadd ghandu jkollu bicca xoghol u jikkoncentra fuqa. Is-Sur Salerno semma l-festa taz-zebbug u qal li din kienet originat propjament mill Bidnija u ghaldaqstant tkun ideja tajba jekk kieku nikkoncentraw fuq festa b'din it-tema. Ic-Cermen Simone qalet li hafna minn dawn il-festi qed jigu qishom *cut and paste* ta idejat minn postijiet ohra. Hawnhekk Joe Hili qal li Festa Bdiewa ahjar tinbidel u ssir xi haga ohra. Simone qablet li ghandna nibdew nahsbu fuq dan il-punt u nohorgu b'tema specifika. Ghaldaqstant hija kompliet tghid li ser tkun sfida ghall-kumitat il-gdid u hegget biex niffokaw halli neghelbu dawn l-isfidi biex ikollna attivita b' success. Ghandhom isiru aktar diskussjonijiet mal-bdiewa hall naraw x'jistghu joffru ghal din l-festa. Simone qalet li bhala festa tista tkun iffukata fuq prodotti tal-gheneb bhal-inbid u kompliet tghid li kumpanija partikolari bhal tal-Marsovin ga wriet interess. Joe Hili kompla jghid li jaqbel u ghandna nkellmu lis-Sur Jeremy Cassar fuq dan.

Hawnhekk Joe Hili qal li hemm problema minhabba l-karozzi ghax tal-Arriva ma ridux jghaddu mit-triq principali u l-karozzi kellhom jghaddu minn fejn Joe Muscat. Huwa kompla jghid li l-akwata ta' San Pawl Milqi hija zona tajba li ta' minn wiehed jikkonsidra halli l-festa tibda ssir hemm. Ghalekk sar qbil halli ssir laqgha specifika fuq din il-festa halli jigu diskussi dawn il-punti diversi.

Is-Sindku Maio Salerno ta' spjegazzjoni li beda jingabar l-iskart filghodu bi trakkijiet moderni ghal-livell ta' euro 5, u ghandu wkoll ikun hemm sorveljanza fuq ix-xoghol li qed isir. Hawnhekk ic-cermen Simone Aquilina qalet li hemm bzonn ukoll naraw li l-kennies qieghed idur il-postijiet kollha.
Kien hemm qbil unanimu li jinxtaw il-bins necessarji li hemm bzonn.

Mill-minuti hareg ukoll li kella tinkiteb ittra ohra lill-enforcement officer tal-kumitat kongunt halli jintalab infomazzjoni fuq kemm il-citazzjoni harget fuq il-Wardija. Fl-istess ittra trid tingibed l-attenzjoni tal-enforcement officer halli jkun hemm aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali biex ma jhallux karozzi ipparkjati fuq yellow lines.

***Il-website tal-kumitat Amministrattiv.***
Ic-Cermen Simone Aquilina ghandha titkellem mas-Sur Ray Bartolo fuq is-sit elettronika tal-Kumitat Amministrattiv tal-Wardija u Burmarrad.

Is-Sur Joe Hili qal li fi New Street f' San Pawl Milqi, r-residneti qalu li jixitequ jghinu halli flimkien mal-kumitat amministrattiv titranga din it-triq bil-konkos. Joe Hili kompla jghid li ghandna naqblu fuq l-ammont li jista' jintefaq u nimxu strettament fuq dan l-ammont. Is-Sur Carmel Hili qal li mportanti li nimxu mal-figuri li jkunu gew stabbiliti minn qabel. Fi Triq Gwanni Pawlu II, is-Sindku Mario Salerno qal li kienu intefqu aktar milli kien miftiehem fuqu u ghaldaqstant ghandna nikkuntatjaw lill Ray halli jghati aktar informazzjoni fuq ix-xogholijiet f' din it-triq – Gwanni Pawlu II.

Hawnhekk ic-cermen Simone Aquilina sahqet li hija ma' tihux risponsabbilta fuq affarijiet precedent mil-laqgha tal-lum u ghandu jsir rendikont fuq affarijiet finanzjarji u naraw x' hemm hlasijiet pendent. Ghalhekk hija talbet lis-segretarju halli ghal-laqgha li jmiss tigi msejha l-accountant halli taghti rendikont finanzjarju. .

Ghaldaqstant hija kompliet billi titlob ittra ohra lill Transport Malta biex nitolbu jekk nistghux temporanjament nghamlu t-triq bil-konkos halli naqdu lir-residenti. .Ghalhekk ghandu jintalab rapport minghand il-perit halli jghamel stima ta' kemm jiswa dan ix-xoghol.

***Sinjali ta' Merhba fil-lokalita - Welcome boards.***

Ic-Cermen Simon Aquilina staqsiet lis-Sindku Mario Salerno fuq x' gara mis-sinjali ta' merhba fil-lokalita tal-Wardija u Burmarrad. Hawnhekk is-Sindku qal li xi tabelli minnhom spiccaw fl-ghalqa biswit l-istess post ta' fejn kienu twahhlu u ghaldaqstant huwa ssuggerixxa li t-tabelli l-godda ghandhom jehlu wahda-fejtn it-Thursdays, l-ohra minn Burmarrad u t-tielet wahda min Ghajn Rihana.

Is-Sur Carmel Hili qal li donnu kien hemm problema ta' komunikazzjoni qabel u billli issa ghandna cermen gdid jixtieq li jekk bniedem ghamel ilment, dan l-istess ilment ghandu jghaddi lill kulhadd halli kulhadd ikun infurmat tal-hidma lit kun qed titwettaq. Ic-Cermen Simone Aquilina qablet u kompliet issostni li qal Carmel Hili billi proponiet li kulhadd ghandu jinzamm aggornat bil-hidma li tkun qed issir billi kulhadd ikun involut fil hafna xoghol li hemm xi jsir. Ghaldaqstant hija qalet li l-emails ukoll ghandhom jigu mghoddija lill kulhadd.

***Finanzi.***

Simone qalet li tiehu responsabilta min din l-istess laqgha l-quddiem bhala finanzi. Ghaldaqstant ser tissejjah l-accountant biex tghati spejagzzjoni finanzjanra fil-laqgha li jmiss.

***Korrispondenza***

Is-Sinjua Aquilina qalet li kemm ilha li lahqet hi, ma' kien hemm l-ebda korrispondenza. Pero hija kompliet tghid li kull korrispondenza lill kumitat amministrativ ghanda tintbghat lill kulhadd. Korrispondenza u komunikazzjoni ma hemm xejn.

***Xogholijiet pendenti.***

Hawnhekk ic-cermen Simone Aquilina qalet li fl-ahhar laqgha kellhom imorru fil-post li kien ser isir landscaping fih halli jaraw jekk johorgux xi idejat godda minn hemm. Hija staqsiet lis-Sur Carmel Hili jekk jattendiex ghal-laqgha maghha halli flimkien mall-perit Etienne jmorru fuq il-post imsemmi. Ghaldaqstant sar il-qbil li Carmel Hili flimkien ma' Simone u l-perit tal-Kunsill imorru nhar l-erbgha fis1400 halli jaraw x'hemm bzonn isir.

**Playing field ta Burmarrad,** Simone qalet li ghandna nitkellmu mal perit tal-Kunsill fuq l-applikazzjoni tal-fondi that l-iskema tal-UIF. Hija qalet li l-pjanti tax-xogholijiet proposti qeghdin ghand il-Perit.

Hlasijiet

Simone qalet li dahlu zewg ilmenti fuq il-Wardija. Wiehed fuq il-karozzi tal-linja li kienet
3 ipparkjjata post hazin u t-tieni ilment kien fuq Triq Busewdien li tinsab fi stat hazin hafna. Hija qalet li tixiteq li din it-triq issir ghal gid tar-residenti. Billi l-kundizzjoni tat-triq hija disastruza u l-patching ma jzommx hija ssuggeriet li jibda jsir extensive patching f'partijiet tat-triq billi hemm hafna residenti.

***Wied Anotta***.

Saret diskussjoni fuq il-problema tal-ilma. Ic-Cermen Simone Aquilina qalet li tixtieq lid an il-Wied bl-isem Qannotta jerga' jittranga halli l-problema tal-gharar f' Burmarrad tissolva. Is-Sur Joe Hili qabel li ghanda tinstab soluzzjoni fuq bazi nazzjonali peress li hemm hafna flejjes involuti. Simone qalet li l-perit tal-Kunsill qal li hemm pjan nazzjonali ghal Burmarrad fejn jidhlu l-widien. Hawnhekk is-Sur Carmel Hili qal li lanqas biss ghad hemm policy ghand il-MEPA li tirregola x-xogholijiet fuq widien. Simone kompliet tghid li l-wied ghandu pregju nazzjonali u sabih immens. Filwaqt li tissolva l-problema tal-ilma dan il-wied jekk jittranga jista' jiggenera turizmu rurarli.

4

***Attivita tal-milied.***

Simone qalet li l-kappillan jixtieq jiltaqa mal kumitat. Rigward l-ispiza biex jinxtghel id-dawl tat-tizjin, Simone talbet l-approvazzjoni ta' dawk prezenti jekk ghandux jithallas mill-kumitat amministrattiv bhas snin precedenti. Ghall din id-decizjoni kien hemm qbil unanimu.

Simone qalet li ser jintuza l-istess tisjin tas-sena l-ohra. Hawnhekk wara diskussjoni qasira
5 kien hemm qbil li laqgha ohra tal-kumitat jintalab jattendi l-kappillan halli jigu diskussi dawn il-punti ghall-attivitajiet tal-Milied. Ic-Cemen Simone Aquilina ghandha tkellem lill Ray Bartolo fuq it-tizjin u kif ser jarmaw.

***Affarijiet ohra.***

Is-Sur Carmel Hili qal li ghanda titwahhal *notice board* fil-Wardija mall-hajt tal-iskola. Fuq din kien hemm qbil u ghaldaqstant ghanda tinkiteb ittra biex niehdu permess minghand il-kap tal-iskola halli tehel noticeboard mal-hajt.

6 Is-Sur Carmel Hili qal li Triq Patri Wistin Magro hemm bicca biss mill-bankina u talab jekk nistghux inkomplu din il-bankina, tul ta' xi 30 metru. Joe Hili kkonferma li f'din it-triq hemm biss bicca mill-bankina li tispicca fix-xejn u ghaldaqstant kien hemm il-qbil li ghanda titkompla l-kumplament tal-bankina fl-istess triq. .

Is-Sur Carmel Hili qal ukoll li fi Triq l-Insolja billi hemm dead end ghanda titpogga tabella ghax li kien hemm sparixxiet. Joe Hili qal li l-ahjar tehel taht it-tabella li hemm tindika l-isem tat-triq u tehel that minhabba li fejn kienet originaljament mwahhla t-tabella tad-dead end kien hemm pajp tal-ilma ghaddej taht il-bankina.

Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li r- *roundabout* quddiem Scotts Supermarket tinsab fi stat disastruz u xi darba kien hemm il-hsieb li titranga. Joe Hili qal li anke l-kamra (dak li baqa' minnha) kella titnehha u ghaldaqstant sar il-qbil li Simone ghanda tkellem lill Ray fuq jekk hemm'x xi korrispondenza jew pjanti fuq din l-istess roundabout.

***Aggornament:-***

Il-laqgha spiccat fit-8pm u l-laqgha aggornat ghall-nha it-Tlieta - 4 ta Dicembur 2012,

7

Simone Aquilina
Kumitat Amministrattiv

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.